**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **196/2019**

**GREGORY PAUL BRINCAT (KI 330860M)**
**S&R (HANDAQ) LIMITED (C 5790)**
**LEGNOLACK LIMITED (C 16720) U**
**BRINCAT'S COMPANY LIMITED (C 5700)**

**vs**

1. **L-AVUKAT TAL-ISTAT**
2. **IL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI (BĦALA SUĊĊESSUR TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD)**
3. **IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**
4. **ID-DIRETTUR ĠENERALI TAL-KUNTRATTI**
5. **INTRAPRIŻA TA' MALTA (*MALTA ENTERPRISE*)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti minn: (a) l-artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea; (b) l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (c) l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea; (d) l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea marbut mal-Artikolu 5 u/jew 6 tal-istess Konvenzjoni; (e) l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea; (f) l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni marbut miegħu; u (g) l-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat tmienja (8) t'Ottubru 2019, ir-rikorrenti **Gregory Paul Brincat et** ippremettew:

   a. *Illi r-rikorrenti Gregory Paul Brincat f'ismu personali u fir-rwol tiegħu ta' Direttur u rappreżentant legali tal-kumpaniji S&R (Handaq) Limited (C5790), S&R (Packaging) Limited (C31888), Legnolack Limited (C16720) u Brincat's Company Limited (C5700) kien suġġett għal diversi proċeduri u pieni ta' natura kriminali bħala konsegwenza ta' nuqqasijiet u vjolazzjonijiet tal-liġijiet tal-VAT. Kemm il-kumpaniji u kif ukoll l-attivita' professjonali tar-rikorrent huma reġistrati mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;*

   b. *Illi l-passi msemmija fil-konfront tar-rikorrenti u r-reperkuzzjonijiet sofferti minnu personalment u fir-rwol tiegħu ta' direttur seħħew b'konsegwenza ta' ksur tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta u kienu marbuta ma' nuqqasijiet fir-rendikont ta' attivita' taxxabbli u nuqqasijiet fid-denunzji sottomessi ai fini tal-liġi minħabba li dawn id-denunzji ġew kunsidrati li jikkontjenu dikjarazzjonijiet skorretti;*

   c. *Illi fis-sena 2009 (Kumpilazzjoni Nru 809/2009), b'rabta ma' atti magħmulin fi Frar 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel ir-rikorrenti ġie mixli li 1) b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess*

*disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom dawn ikkorrompew uffiċjal jew uffiċjali fid-Dipartiment tal-VAT, u minħabba dan, dan l-uffiċjali jew dawn l-uffiċjali naqas jew naqsu li jagħmel jew li jagħmlu dak li kien fid-dmir tiegħu jew tagħhom li jagħmel jew jagħmlu; (2) wieħed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil Saviour Micallef li asserixxa jew ikkonferma li kien kapaċi jagħmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedi uffiċjali fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex iġiegħel lil Saviour Micallef jeżerċita dik l-influwenza; (3) b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur ta' S&R (Handaq) Limited, S&R (Packaging) Limited, Legno Lack Company Limited u Brincat's Company Limited, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun xjentement għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom dawn b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu ta' l-Ewro (€2329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, (4) b'mezz ta' rigali, wegħdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz; (5) u aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'mezz t' rigali, wegħdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn għamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw tagħrif meħtieġ għal xi wieħed mill-għanijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali";*

d. *Illi fuq ammissjoni tar-rikorrenti il-Qorti tal-Maġistrati fid-9 ta' Settembru 2009 sabet lir-rikorrenti ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u filwaqt li l-Onorabbli Qorti kkunsidrat kif fil-mori tal-proċeduri r-rikorrenti kien issottometta denunzji korretti u kien ukoll qiegħed iħallas it-taxxa dovuta hija kkundannatu għal tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal erba' snin, multa ta' seba' mitt Ewro (€700) u ordnat l-interdizzjoni ġenerali perpetwa tar-rikorrenti (liema interdizzjoni ġenerali għadha fis-seħħ sallum). Is-sentenza filwaqt li ġiet appellatta mill-Avukat Ġenerali kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Numru 329/2009) fit-13 ta' Novembru 2009;*

e. *Illi wkoll fis-sena 2009 (Kumpilazzjoni Numru 533/2009) ir-rikorrenti u ħuh Mario Brincat ġew akkużati li f'Settembru 2007 u fis-snin ta' qabel "(1) fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi tas-soċjeta' S&R (Handaq) Limited, b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi urew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT, (2) u (3) sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz u aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, xjentement naqsu li jagħtu kont għal xi attivita' taxxabbli jew xi akkwist intra-Komunitarju mwettqa minnhom fir-records, dokumenti u kontijiet meħtieġa bl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jew b'xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu; (4) għamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw tagħrif meħtieġ għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur miżjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali; (5) iffalsifikaw xi records, dokumenti jew kontijiet meħtieġa li jinżammu taħt l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jew ħejjew jew għenu fit-tħejjija jew fl-għemil jew għamlu uħud minn xi records, dokumenti jew kontijiet*

*foloz;"*

f. *Illi kunsidrat li r-rikorrenti kien ġja kellu sentenza definitiva u eżekuttiva kontra tiegħu fuq ir-reat ta' frodi, liema akkuża kienet tikkunsidra l-istess żmien, ir-rikorrenti qajjem l-eċċezzjoni dwar ne bis in idem fir-rigward tal-ewwel akkuża, filwaqt li ammetta t-tieni, tielet u r-raba' akkużi miġjuba kontrih u kontesta l-ħames akkuża. Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet l-eċċezzjoni ta' ne bis in idem u sabet lir-rikorrenti u ħuh ħatja tat-tieni, tielet, raba' u ħames imputazzjoni filwaqt li lliberat entrambi mill-ewwel akkuża. Il-piena kunsidrata mill-Onorabbli Qorti kienet ta' sena priġunerija u multa ta' tliet elef Ewro (€3,000) fir-rigward tar-rikorrrenti Gregory Paul Brincat u disa' xhur priġunerija u multa ta' tliet elet Ewro (€3,000) fir-rigward ta' ħuh Mario Brincat;*

g. *Illi r-rikorrenti u ħuh ippreżentaw appelli separati għall-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati deċiża fl-14 ta' Iulju 2011. Illi l-appell tar-rikorrenti kien bażat fuq żewġ aggravi, cioe (1) ne bis in idem fir-rigward tal-akkużi kollha u (2) konkors formali u l-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kap 9. It-tieni aggravju ġie wkoll preżentat minn Mario Brincat;*

h. *Illi l-Qorti tal-Appell ċaħdet l-ewwel aggravju tar-rikorrenti iżda laqgħet l-aggravju ta' konkors formali tar-rikorrenti u ta' Mario Brincat billi kunsidrat li t-tielet, raba' u ħames akkużi kienu mezzi għall-fini fejn tidħol it-tieni akkuża b'hekk irriformat is-sentenza billi fir-rigward tar-rikorrenti konfermat is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2011 fejn ma sabitux ħati tal-ewwel imputazzjoni u fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u ħassret u rrevokat l-imsemmija sentenza fejn ikkundannatu għal sena priġunerija u għall-ħlas ta' tliet elef Ewro (€3,000) u minflok ikkundannatu għal sena priġunerija biss;*

i. *Illi fil-konfront ta' Mario Brincat il-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2011 billi kkonfermatha fejn ma sabitux ħati tal-ewwel imputazzjoni u fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u*

*ħassritha u rrevokata fejn ikkundannatu għal disa' xhur priġunerija u multa ta' tliet elef Ewro (€3,000) u minflok kundannatu għal disa' xhur priġunerija li, minħabba li Mario Brincat kellu fedina penali netta, ġew sospiżi għal erba' snin;*

j. *Illi r-rikorrenti ma jaqbilx mal-konklużjoni b'rabta mal-eċċezzjoni ta' ne bis in idem tal-Qrati Kriminali għaliex huwa ben assodat fil-ġurisprudenza nostrana li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, ma għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess;*

k. *Illi aktar minn hekk jirriżulta b'mod ċar li filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali innutat overlap u nuqqas ta' kjarezza fl-akkużi miġjuba f'entrambi l-proċeduri meta stqarret li '... minkejja li fil-bidu nett, id-data mogħtija mill-Prosekuzzzjoni tagħti l-impressjoni (speċjalment minħabba li r-reat kien kontinwat) li l-provi kienu jmorru ħafna lura, filfatt il-provi kien kollha konċentrati fuq is-snin 2008 u 2009. Effettivament il-provi fl-ewwel ċitazzjoni lanqas biss irreferew għas-snin 2007 u qabel', l-istess Qorti naqset milli tikkunsidra l-vjolazzjoni li kienet qed isseħħ minħabba, se mai, din in-nuqqas ta' kjarezza f'dawn il-proċeduri, f'liema l-istess rikorrenti kien ammetta anke minħabba li kunsidra l-akkużi bħala waħda u l-istess. Ir-referenza tal-Qorti tal-Appell għal provi preżentati fil-proċeduri Kumpilazzjoni nru 809/2009 kienet għal kollox barra minn lokha għaliex ir-rikorrenti kien ammetta fi stadju bikri tal-proċeduri;*

l. *Illi iktar minn hekk jirriżulta li r-rikorrenti ġie preġudikat mill-proċeduri multipliċi meħuda kontra tiegħu anke għaliex il-Qrati kkunsidraw il-fedina penali tar-rikorrenti mħammġa mill-proċeduri Kumpilazzjoni Nru 809/2009, liema proċeduri inbdew wara Kumpilazzjoni numru 533/2009. Kemm il-Qorti tal-Maġistrati, u kif ukoll il-Qorti tal-Appell ikkummentaw fuq u kunsidraw il-fedina penali netta ta' Mario Brincat ai fini ta' kalibrar ta' piena fejn l-ewwel qorti kienet tat piena ta' tliet xhur*

*priġunerija inqas lilu minn tar-rikorrenti filwaqt li l-Qorti tal-Appell saħansitra sospendiet il-piena ta' Priġunerija ta' Mario Brincat filwaqt li konfermat sena priġunerija effettiva tar-rikorrenti fl-intier tagħha. Illi l-Qrati Kriminali qatt ma messhom kunsidraw pieni għall-akkużi li nġabu wara li nbdew il-proċeduri kriminali fuq liema kienu qegħdin jiddeċiedu u messhom illimitaw ruħhom għal fedina penali meta nġabu l-akkużi kontrih. Agħar minn hekk, jirriżulta li l-Qrati kriminali saħansitra kunsidraw reati li kienu ormai preskritti u fuq liema l-Awtorita' ma setgħetx tieħu passi sabiex jiddeċiedu fuq il-piena;*

m. *Illi dan kunsidrat, il-multiplikazzjoni ta' proċeduri wasslu għad-degredazzjoni totali tal-preżunzjoni tal-innoċenza minħabba l-ammissjoni li kienet saret fil-proċeduri Kumpilazzjoni nru 809/2009 u dan kunsidrat il-konnessjoni bejn l-istess akkużi liema r-rikorrenti jistqarr li kienu bażati fuq l-istess fatti u huma konkors tal-istess għan u vjolazzjoni;*

n. *Illi l-gwaj u reperkussjonijiet sofferti mir-rikorrenti ma sabux tmiem fil-proċeduri kriminali msemmija jew wara l-iskontar tal-piena karċerarja. Ir-rikorrenti u l-kumpaniji li kien jew għadu jiġġestixxi ġew soġġetti għal diversi pieni amministrattivi li fil-gravita' tagħhom jirrispekkjaw pieni kriminali u huma bażati fuq l-istess nuqqasijiet fid-denunzji;*

o. *Hekk ngħidu aħna, il-kumpaniji S&R (Handaq) Limited (C5790), S&R (Packaging) Limited (C31888) – illum amalgamata fi S&R (Handaq) Limited, Legnolack Limited (C16720) u Brincat's Company Limited (C5700) ġew rinfaċċati bi stejjem ta' taxxi dovuti għal perjodi ġja kunsidrati fl-akkużi kriminali fejn l-imsemmija stejjem kienu bażati fuq mark up esaġerat u di piu soġġetti għal rati ta' imgħax abbużivi kif ukoll pieni u multi esaġerati sal-punt li jekwivalu 20% tat-taxxa kunsidrata dovuta wara mark up magħmul mill-Kummissarju tat-Taxxa;*

p. *Illi S&R (Packaging) Limited (C31888) li ġiet amalgamata fi S&R (Handaq) Limited (C5790) ġiet rinfaċċata bi stejjem għas-segwenti perjodi – 1/10/2004-31/12/2004, 1/7/2005-30/9/2005, 1/1/2006-*

*31/3/2006, 1/10/2007-31/12/2007, 1/7/2008-30/9/2008 li in forza tagħhom l-imsemmija kumpanija ġiet ordnata tagħmel ħlas tas-somma komplessiva ta' €10,514.89 bħala taxxa fuq il-valur miżjud flimkien mas-somma komplessiva ta' €2,102.97 rappreżentanti multi amministattivi u s-somma komplessiva ta' €2,556.10 rappreżentanti imgħax;*

q. *Illi Legnolack Limited (C16720) ġiet rinfaċċata bi stejjem għal perjodu bejn 1/5/2004-31/7/2009 u in forza ta' liema stejjem li kunsidraw mark up ta' 111% ġiet ordnata tagħmel ħlas ta' €207,239.51 rappreżentanti taxxa flimkien mas-somma komplessiva ta' €44,801.70 rappreżentanti penali amministrattivi u s-somma komplessiva ta' €123,340.99 rappreżentanti imgħax. Dwar din l-istima hemm appell pendenti li sejjer jiġi deċiż mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar il-11 t'Ottubru 2019;*

r. *Illi Brincat's Company Limited (C5700) ġiet rinfaċċata bi stejjem għal perjodu bejn 1/8/2004-31/1/2010 u in forza ta' liema stejjem ġiet ordnata tħallas €109,109.36 bħala taxxa fuq il-valur miżjud, is-somma komplessiva ta' €21,821.87 bħala multi amministrattivi u s-somma komplessiva ta' €40,358.71 bħala imgħax;*

s. *Illi S&R (Handaq) Limited (C5790) ġiet rinfaċċata bi stejjem għal perjodu bejn 1/10/2007-30/9/2009 u in forza ta' liema stejjem li kunsidraw mark up ta' 86% ġiet ordnata tħallas is-somma ta' €73,227.00 rappreżentanti taxxa, is-somma ta' €21,453.61 rappreżentanti imgħax mill-Kummissarju tat-Taxxa, liema somom ġew emendati mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, Rikors Nru 192/12 minħabba żball matematiku wara kontestazzjoni mis-soċeta' S&R (Handaq) Limited, bil-mod segwenti:*

*Stima 01.10.07-31.12.07 - €1,894 (taxxa); €378.80 (penali amministrattiva)*
*Stima 01.01.08-31.03.08 - €1,565 (taxxa); €313 (penali amministrattiva)*

*Stima 01.04.08-30.06.08 - €2,169 (taxxa); €433.80 (penali amminstrattiva)*
*Stima 01.07.08-30.09.08 - €1,791 (taxxa); €358.20 (penali amministrattiva)*
*Stima 01.10.08-31.12.08 - €1,749 (taxxa); €349.80 (penali amministrattiva)*
*Stima 01.01.09-31.03.09 - €16,040 (taxxa); €3,208 (penali amministrattiva)*
*Stima (01.04.09-30.06.09 - €19,554 (taxxa); €3,910.80 (penali amministrattiva)*
*Stima (01.07.09-30.09.09 - €11,480 (taxxa); €2,296 (penali amministrattiva)*
*L-imgħax dovut fuq kull waħda minn dawn l-istimi jinħadem bir-rati previsti fil-Liġi sknod meta jiġi effettwat il-pagament;*

t. *Illi ma jeżistux rimedji ordinarji għal vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali għal liema qiegħed jiġi soġġettat ir-rikorrenti kif jixhdu l-proċeduri 13/2010, 14/2010, 15/2010 u 16/2010 quddiem il-Bord tal-Appell dwar Taxxa u 126/2012 VC, 132/2012 VG, 188/2012 VG u 192/2012 VG quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u l-appell magħmulin u dan għaliex il-Qrati ordinarji huma limitati għall-awttwalizzar tal-liġijiet u m'għandhomx is-setgħa li jiddeċiedu dwar allegat ksur ta' dritt fundamentali, għax l-eżami ta' kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali hija riżervata lill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali;*

u. *Illi in oltre r-rikorrenti qiegħed jibqa' jiġi punit mill-Kummissarju tat-Taxxi wara sejba ta' ħtija fi proċeduri kriminali u dan kif muri wkoll mit-Talba għall-għoti ta' garanzija bankarja ta' €13,126 għal perjodu ta' ħames snin imposta fuq Legnolack Limited (C 16720) sabiex hija tkun tista' tforni prodotti u servizzi u mit-Talba għall-għoti ta' garanzija bankarja ta' €36,334 għal perjodu ta' ħames snin imposta fuq S&R (Ħandaq) Limited (C 5790) sabiex hija tkun tista' tforni prodotti u servizzi. Illi l-imsemmija garanziji huma mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi*

*minħabba s-sejbien ta' ħtija tar-rikorrenti fi proċeduri kriminali u dan nonostante il-fatt li r-rikorrenti rriżenja mir-rwol tiegħu ta' Direttur fil-kumpanija Legnolack Limited u huwa biss impjegat mal-istess u għandu interess ta' shareholder tramite l-kumpanija Brincat's Company Limited (C 5700). In-neċessita' ta' tali garanziji filwaqt li għandha xeħta ta' punizzjoni mogħtija mill-Kummissarju tat-Taxxi hija wkoll impediment għal rikorrenti biex huwa jaħdem u jipprovdi għal bżonnijiet tiegħu u familtu;*

v. *Illi kif se jiġi muri fil-mori tal-proċeduri, kien hemm ukoll diversi sitwazzjonijiet fejn ir-rikorrenti u l-kumpaniji li fihom ir-rikorrenti huwa jew xi darba kien rappreżentant ġew esklużi minn proċeduri dwar kuntratti pubbliċi, u dan minkejja illi l-istess kumpaniji qatt ma ġew formalment blacklisted. Huwa ċar pero illi r-rikorrenti ġie "ittimbrat" u qiegħed jiffaċja tfixkil kontinwu min-naħa tal-awtoritajiet;*

w. *Dan kollu huwa evidenti ngħidu aħna mir-rifjut ta' Grant mitlub mill-kumpaija S&R (Ħandaq) Limited mingħand il-Korporazzjoni Malta Enterprise. Nonostante il-fatt illi din it-talba kienet oriġinarjament milqugħa, tant illi l-partijiet daħlu fi grant agreement datat 1/12/2009 fl-ammont ta' €61,168.55, S&R (Ħandaq) Limited għadha sallum ma rċevietx il-ħlasijiet dovuti skont l-istess grant. Minkejja illi l-Korporazzjoni matul iż-żmien kienet ferm evażiva dwar ir-raġunijiet għal dan (ara l-proċeduri 234/2011 and 1103/2015 fl-ismijiet S&R Ħandaq Limited v. Koporazzjoni Malta Enterprise) huwa evidenti mill-assjem tal-fatti illi d-dietrofront illi għamlet il-Korporazzjoni kien marbut sfiq mal-fatt li r-rikorrenti kien instab ħati ta' akkużi rigwardanti l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;*

x. *Illi l-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti joħorġu kemm fil-kwalita' tiegħu individwali u personali, u kif ukoll fil-kwalita' ta' uffiċjal u/jew azzjonist tal-kumpaniji S&R (Ħandaq) Limited (C 5790), S&R (Packaging) Limited (C 31888), Legnolack Limited (C 16720) u Brincat's Company Limited (C 5700);*

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti, għar-raġunijiet premessi, talbu lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kunsiderati fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39(9) tal-Liġijiet ta' Malta ġew vjolati bil-proċeduri kriminali multipliċi (Kumpilazzjoni nru 809/2009 u Kumpilazzjoni 533/2009) meħuda kontra r-rikorrenti Gregory Paul Brincat u tordna t-tħassir tagħhom;*

   ii. *Tiddikjara li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti Gregory Paul Brincat sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew vjolati minħabba multipliċita' ta' proċeduri kriminali meħuda kontra r-rikorrenti u tordna t-tħassir tagħhom;*

   iii. *Tiddikjara li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti Gregory Paul Brincat sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew vjolati mill-Qrati Kriminali fil-kumpilazzjoni nru 533/2009 bil-kunsiderazzjonijiet magħmula ai fini ta' piena;*

   iv. *Tiddikjara vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

   v. *Tiddikjara vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea marbut mal-Artikolu 5 u/jew 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

   vi. *Tiddikjara illi l-paragrafu 3 tal-Artikolu 83 tal-imsemmi Kapitolu 406 huwa null u bla effett għaliex jikser l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

   vii. *Tiddikjara illi l-multi amministrattivi reklamata mill-intimat Kummissarju tat-Taxxa jikkostitwixxu proċedura penali b'konsegwenza ta' deterrent jew piena;*

viii. *Tiddikjara li l-multi amministrattivi, imgħax punittiv, garanziji u/jew obbligi finanzjarji imposti fuq ir-rikorrenti u fuq il-kumpaniji S&R (Ħandaq) Limited (C 5790), S&R (Packaging) Limited (C 31888), Legnolack Limited (C 16720) u Brincat's Company Limited (C 5700) vjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sanċiti fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tordna t-tħassir tagħhom;*

ix. *Tiddikjara li l-pieni amministrattivi, imgħax punittiv, garanziji u/jew obbligi finanzjarji imposti fuq ir-rikorrenti u fuq il-kumpaniji S&R (Ħandaq) Limited (C 5790), S&R (Packaging) Limited (C 31888), Legnolack Limited (C 16720) u Brincat's Company Limited (C 5700) vjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sanċiti fl-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tordna t-tħassir tagħhom;*

x. *Tiddikjara li l-garanziji finanzjarji imposti fuq u/jew kunsidrati neċessarji mingħand ir-rikorrenti u l-kumpaniji S&R (Ħandaq) Limited (C 5790), S&R (Packaging) Limited (C 31888), Legnolack Limited (C 16720) u Brincat's Company Limited (C 5700) jivvjolaw l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u tordna t-tħassir tagħhom;*

xi. *Tiddikjara vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea marbut mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

xii. *Tiddikjara vjolazzjoni tal-ewwel artikolu tat-Tnax-il Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;*

xiii. *Tiddikjara illi bl-aġir tagħhom l-intimati jew min minnhom huma responsabbli tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif fuq premess;*

xiv. *Tillikwida kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti għall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija;*

xv. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti;*

xvi. *Tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens ieħor li jidhrilha xieraq u opportun;*

*Bl-ispejjeż;*

4. B'digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar id-disgħa (9) t'Ottubru 2019, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-erbgħa (4) ta' Novembru 2019;

5. Permezz ta' risposta datata ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2019, l-**Intrapriża ta' Malta** eċċepiet:

   a. *Illi, in linea preliminari u fl-ewwel lok, l-isem tal-Korporazzjoni esponenti fl-okkju mhuwiex indikat b'mod korrett stante li skond l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kapitolu 463 tal-Liġijiet ta' Malta) l-isem korrett tal-Korporazzjoni stabbilita taħt dak l-Att huwa "l-Intrapriża ta' Malta" inkella "Malta Enterprise";*

   b. *Illi, in linea preliminari u fit-tieni lok, minkejja li fl-okkju ġew indikati numru ta' persuni naturali u legali bħala rikorrenti, ir-rikors promotur sar biss mill-persuna ta' Gregory Paul Brincat fil-kapaċita' personali tiegħu u għalhekk l-okkju tal-kawża għandu jirrifletti dan billi jiġu estromessi l-entitajiet legali li mhumiex qed iressqu r-rikors promotur;*

   c. *Illi, in linea preliminari u fit-tielet lok, ir-rikorrenti naqas li jeżawrixxi r-rimedji ordinarji, stante li m'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-allegat ksur tal-jedd tagħha u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali u dana qiegħed jiġi sottomess fid-dawl tal-fatt li l-kawża li saret minn S&R (Ħandaq) Limited għab-bażi tal-Artikolu 469*

*tal-Kapitolu 12 ġiet dikjarata perenta b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2017 li għaddiet in ġudikat (1103/2015/MCH – fl-ismijiet 'S&R (Ħandaq) Limited vs Korporazzjoni Malta Enterprise");*

d. *Illi in linea preliminari u fir-raba' lok, il-Korporazzjoni esponenti mhijiex kontradittur leġittimu f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż tar-rikorrenti, in kwantu l-Korporazzjoni esponenti ma tirrispondix għall-aġir tal-intimati l-oħra, ma kinitx parti jew parteċipi fl-ebda proċeduri penali li wasslu għall-kundanni kriminali fil-konfront tar-rikorrenti u fi kwalunkwe każ ma tweġibx hi għall-allegat nuqqas ta' tħaris tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti minħabba s-sistema legali u ġudizzjarja;*

e. *Isegwi għalhekk li l-Korporazzjoni esponenti ma tista bl-ebda mod titqies responsabbli tal-allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li miegħu l-Korporazzjoni esponenti ma kellha ebda relazzjoni legali iżda kellha biss relazzjoni mas-soċjeta' S&R (Ħandaq) Limited fil-kors ta' skema ta' fondi mnehdija taħt għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea;*

f. *Illi, għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti għal kumpens xieraq fil-konfront tal-Korporazzjoni esponenti ifallu;*

g. *Illi, in meritu, l-allegazzjonijiet diretti fil-konfront tal-Korporazzjoni esponenti huma kontestati u t-talbiet tar-rikorrenti hekk kif diretti fil-konfront tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

h. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.*

6. Finalment, permezz ta' risposta konġuntiva datata l-ewwel (1) ta' Novembru 2019, l-**Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tal-Kuntratti** eċċepew:

a. *Illi waħda mil-lanjanzi tar-rikorrenti tirrigwarda dak li ġara fil-proċeduri kriminali mertu ta' din il-kawża kostituzzjonali fejn qed jiġi allegat li seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni minħabba l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem. Dwar dan jingħad minnufih li mill-aspett legali huwa paċifiku li hemm differenzi fid-diċitura tas-subinċiż (9) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dik ta' l-artikolu 4 tal-Protokol numru 7 li jimmeritaw li jiġu notati. "Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebħu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-prinċipju maħsub, bl-ebda mod ma jista jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir (ara – sentenza – Qorti Kostituzzjonali – 20 ta' Novembru 2000 –* ***Spiteri vs Avukat Ġenerali****). Għalhekk, meta wieħed iqis il-prinċipju tan-ne bis in idem għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali.*

*Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha dwar l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem imqajma mir-rikorrent f'dik l-istanza fejn tali eċċezzjoni ġiet miċħuda. Għalhekk ir-rikorrent ma jistax jużaw dawn il-proċeduri kostituzzjonali bħala forma ta' appell mid-deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati ta' kompetenza kriminali sabiex tali deċiżjonijiet jiġu riveduti jew mħassra.*

b. *Illi r-rikorrent qiegħed ukoll jinvoka l-jedd għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzjoni. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropa ma jiggarantixxi l-ebda dritt li akkużat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tistħarreġ mill-ġdid il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali. L-artikolu 6(1) tal-Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun fi żmien raġjonevoli, fil-pubbliku u quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Illi minn dawn l-elementi kolha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma*

*jelenka jew jilmenta minnu, anzi ser jirriżulta mill-provi li l-Qrati Kriminali osservaw il-liġi skrupoložament. L-esponenti jissottometti illi r-rikorrent qed jittenta jasal tramite l-proċedura odjerna fejn ma rnexxilux jasal quddiem il-qrati muniti b'ġurisdizzjoni kriminali. Għalhek kull tentattiv sabiex dawn il-proċeduri jintużaw b'dan il-mod jikkostitwixxi użu abbużiv ta' dina l-proċedura straordinarja;*

c. *Illi bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs Onor Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qagħda l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralita' tal-każijiet, jidħol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali; (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża; (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati; (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża; (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża; (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.*

*Dan attiż, għandu jirriżulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawża ma jaqa taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma ġie trattat b'mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalita' tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm smigħ xieraq.*

*Il-fatt waħdu li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2009 ċaħdet l-aggravju tan-ne bis in idem bl-ebda mod ma jfisser li dak sar bi ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrent. Is-sentenzi kriminali huma llum-il ġuranta res judicata u għalhekk ma jistgħux jiġu riveduti jew annullati;*

d. *Illi fi kwalunkwe każ, kif ser jiġi spjegat u ippruvat fil-kors tas-smigħ tal-kawża ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju tan-ne bis in idem;*

e. *Illi lanjanza oħra tar-rikorrenti tirrigwarda l-pieni li ġew inflitti mill-Qrati penali wara sejbien ta' ħtija fil-proċeduri kriminali in diżamina u dan allegatament bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Bażikament hawnhekk ir-rikorrent qiegħed jiddetta hu x'pieni kellhom jerogaw il-Qrati fil-konfront tiegħu! Anke hawn għandu jingħad li r-rikorrent ma jistax juża dawn il-proċeduri biex jiġu riveduti pieni li ġew imposti leġitimament fil-konfront tiegħu mill-Qrati penali. Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jibda biex jingħad li dan l-artikolu huwa intiż sabiex iħares lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja.*

*Uħud mir-raġunijiet li skont l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jiġġustifikaw il-privazzjoni mil-liberta' huma dawk maħsuba fil-paragrafu (a) u (c) tal-istess artikolu u cioe meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-liġi u wara li l-Qorti issib il-persuna ħatja tal-akkuża u kif ukoll meta tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti.*

*Illi dak li sar fil-konfront tar-rikorrenti huwa skont il-liġi u ma hemmx l-elementi sabiex din l-Onorabbli Qorti ssib li seħħet jew li ser iseħħ vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

f. *Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll li, bis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati meta l-multi amministrattivi kienu għadhom pendenti u wkoll kienu baqgħu jiżdiedu, huwa ġie assoġġettat għal pieni multipliċi minħabba fost affarijiet oħra l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi. F'dan is-sens qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-artikolu 83 tal-Kap 406 huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali*

*tiegħu senjatament tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokol u dan għaliex skont hu l-multi amministrattivi jikkostitwixxu proċedura penali b'konsegwenza ta' deterrent jew piena. Ir-rikorrent jagħmel referenza għal numru ta' proċeduri kemm quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) pero anke hawn jingħad li hu ma jistax juża dawn il-proċeduri kostituzzjonali biex b'xi mod jiġu riveduti jew saħansitra jiġu annullati u mħassra s-sentenzi ta' Qrati oħra;*

g. *Illi multa amministrattiva m'hijiex ta' natura kriminali. Il-Kodiċi Kriminali jipprovdi li azzjoni kriminali tista' titmexxa indipendentement minn azzjoni ċivili. Inoltre d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 83(3), u senjatament fejn dawn jipprovdu għall-ħlas ta' multa amministrattiva, m'humiex intiżi bħala piena iżda bħala mezz kif il-persuna li kontriha jiġu applikati tosserva l-liġi tal-VAT u ma taqax lura fid-dmirijiet tagħha taħt l-istess liġi. Illi l-pożizzjoni addottata mir-rikorrent ma ssibx riskontru fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Il-Qorti qatt ma ddeċidiet li ma jistgħux jittieħdu azzjonijiet kriminali u ċivili (amministrattivi) f'daqqa. Li l-Qorti ma tippermettix huwa li l-multa ċivili tkun fil-verita' ta' natura kriminali. Dan mhux il-każ fis-sitwazzjoni li qed jilmenta minnha r-rikorrent. Illi meta l-Kummissarju intimat ikun iffaċċjat b'sitwazzjoni fejn persuna jew kumpanija, għal xi raġuni jew oħra, ma tridx tħallas it-taxxa dovuta, hu ser ikollu jirrikorri għall-għodda li tagħtih il-liġi sabiex jiżgura dik it-taxxa titħallas. Kif ġie spjegat preċedentement, il-proċedura adottata hija waħda leġittima u regolata bil-liġi u li l-għan aħħari tagħha hu li tassigura li dak li huwa dovut lill-erarju pubbliku jiġi osservat. Għalhekk żgur li fil-każ odjern il-proċedura adottata la hija waħda punittiva u wisq inqas ma hija irregolari kif eronjament qed jallegaw ir-rikorrenti;*

h. *Illi rigward l-allegazzjoni li kien hemm ksur tad-dritt ta' tgawdija ta' proprjeta' l-esponenti jissottomettu li l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jipprovdi li jista' jkun hemm interferenza f'dan id-dritt fl-interess pubbliku. Illi dan l-artikolu ma jipproteġix id-dritt tal-godimenti paċifiku*

*tal-possedimenti jew proprjeta' mingħajr restrizzjoni ta' xejn. Fil-fatt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Prootkoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenka r-restrizzjonijiet għal dan id-dritt. Il-Kummissarju intimat huwa mwaqqaf bil-liġi proprju sabiex jaċċerta ruħu u jiggarantixxi li dak li huwa dovut lil Gvern ta' Malta bħala taxxa fuq il-Valur Miżjud jiġi mħallas u għal dan il-għan hemm il-Kap 406 u l-leġislazzjonijiet kollha li jaqgħu taħtu. Il-fatt li l-intimat Kummissarju fittex lir-rikorrenti sabiex iħallsu dak li huwa dovut minnhom ma jikkostitwxixi l-ebda ksur tad-dritt ta' tgawdija paċifika ta' proprjeta'.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*

i. *Illi r-rikorrenti jinvoka b'mod stramb għall-aħħar ukoll l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan in konnessjoni mal-garanziji finanzjarji kif imposti fuqu u cioe fil-kuntest ta' leżjoni tad-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja. Bid-dovut rispett l-esponent ma jarax ir-relevanza ta' dan l-artikolu mal-lanjanzi li qajjem ir-rikorrent.*

*Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Diċembru 2007, fil-kawża* ***Dickson vs UK****, il-Qorti Ewropea qalet hekk – 'The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities.' Għalhekk l-indħil mill-awtorita' pubblika għandu jkun fil-każi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta' l-Art 8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawża "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art 8, dak li jrid ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza ma tkunx ġustifikata (ara 'Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" – PAK/GV – 4 ta' Ottubru 2004);*

*Ma jidhirx li hawnhekk seħħet xi interferenza fil-ħajja familjari tar-rikorrent fil-kuntest tal-artikolu 8 u b'hekk żgur li ma seħħet l-ebda vjolazzjoni ta' dan l-artikolu. Illi stranament ir-rikorrent jorbot l-artikolu 8 mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u coe ilment mibni fuq allegata*

*diskriminazzjoni. L-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma jindikax fuq sabiex il-paragun isir fuq bażi ta' 'like with like'. Illi jsegwi għalhekk li anke dan l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud;*

j. *Illi r-rikorrent jallega wkoll li hu u l-kumpanijiet tiegħu ġew esklużi minn kuntratti pubbliċi meta qatt ma ġewx formalment blacklisted. Għandu jiġi li r-rikorrent kien vag ħafna. Dwar dan id-Direttur tal-Kuntratti intimat jiċħad li qatt ġara kif qed jgħid ir-rikorrent. Fl kwalunkwe każ ir-rikorrent ma użax rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi senjatament proċeduri quddiem il-Public Contracts Review Board u/jew azzjoni għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv kif kontemplat fl-artikolu 469A tal-Kap 12.*

*Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrenti datat tmienja (8) t'Ottubru 2019;

8. Reġgħet rat ir-risposta tal-Intrapriża ta' Malta datata ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2019;

9. Reġgħet rat ir-risposta tal-intimati Avukat Ġenerali, Kummissarju tat-Taxxi, Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tal-Kuntratti, datata l-ewwel (1) ta' Novembru 2019;

10. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Lorraine Galea** in rappreżentanza tal-**Kummissarju tat-Taxxi Interni**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2020[1] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta;

11. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Noel Borg**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2020[2] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta;

12. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Vanessa Ciantar** fil-kapaċita' tagħha ta' Spettur tal-VAT, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Settembru 2020[3] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok VC1 sa VC4** a fol 52 *et seq* tal-proċess;

13. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Nicola Said**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Novembru 2020[4] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok NS1** a fol 72 tal-proċess;

14. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Franco Agius**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2021[5] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok FA1 sa FA3** a fol 83 *et seq* tal-proċess;

15. Rat l-affidavit ta' **Gregory Brincat** a fol 93 *et seq* tal-proċess;

16. Rat id-digriet tas-sebgħa (7) t'Ottubru 2021 illi permezz tiegħu din il-Qorti kif diversement presjeduta laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-allegazzjoni tal-atti tal-Kumpilazzjoni Nru 809/2009 fl-ismijiet ***Pulizija vs Gregory Paul Brincat***, u l-Appell Nru 329/2009; u tal-atti tal-Kumpilazzjoin Nru 533/2009

[1] A fol 36-37 tal-proċess
[2] A fol 38-39 tal-proċess
[3] A fol 50 *et seq* tal-proċess
[4] A fol 66 *et seq* tal-proċess
[5] A fol 36-37 tal-proċess

fl-ismijiet ***Pulizija vs Gregory Paul Brincat et*** u l-Appell Nri 338/2011 u 339/2011;

17. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Justin Ellul** prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Novembru 2021[6] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok JE1** a fol 118 tal-proċess;

18. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament tal-**Maġġur John Mary Camilleri**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Novembru 2021[7] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok JMC1** a fol 121 *et seq* tal-proċess;

19. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Claudia Diacono** in rappreżentanza tal-**Malta Business Registry**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Novembru 2021[8] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok CD1 sa CD4** a fol 129 *et seq* tal-proċess;

20. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Lorraine Dimech** in rappreżentanza tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Novembru 2021[9] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta;

21. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Caroline Arapa** in rappreżentanza tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2022[10] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta;

22. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Attard** in rappreżentanza tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, prodott mir-rikorrenti waqt is-

[6] A fol 36-37 tal-proċess
[7] A fol 119-120 tal-proċess
[8] A fol 127-128 tal-proċess
[9] A fol 171 *et seq* tal-proċess
[10] A fol 195 *et seq* tal-proċess

seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju 2022[11] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok JA1 sa JA4** a fol 219 *et seq* tal-proċess;

23. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ulterjui bil-ġurament ta' **Joseph Attard** in rappreżentanza tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru 2022[12] quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok MC1 sa MC6** a fol 243 *et seq* tal-proċess;

24. **B'notifika t'Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Imħallef nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar 2023, din il-kawża ġiet riassenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;**

25. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **George Camilleri**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2023[13], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok GC1 sa GC3** a fol 316 *et seq* tal-proċess;

26. Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxa illi permezz tagħha esebixxa numru ta' deċiżjonijiet illi saret referenza għalihom fil-kawża odjerna u li fihom kienu nvoluti r-rikorrenti (a fol 327 *et seq* tal-proċess);

27. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Caroline Arapa**, prodotta mill-Kummissarju tat-Taxxi waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'April 2023[14], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok CA1** a fol 438 *et seq* tal-proċess;

28. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Gregory Paul Brincat**, prodott mill-Kummissarju tat-Taxxi in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'April 2023[15];

[11] A fol 214 *et seq* tal-proċess
[12] A fol 238 *et seq* tal-proċess
[13] Xhieda a fol 301 *et seq* tal-proċess
[14] Xhieda a fol 431 *et seq* tal-proċess
[15] Xhieda a fol 444 *et seq* tal-proċess

29. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Noel Borg** prodott mill-intimat Kummissarju tat-Taxxa waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Ġunju 2023[16], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok NB 1 sa NB8** a fol 459 *et seq* tal-proċess;

30. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Lorraine Galea**, prodotta mill-Kummissarju tat-Taxxa waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Ġunju 2023[17], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok LG1 sa LG6** a fol 576 *et seq* tal-proċess;

31. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Christopher Spiteri**, prodott mill-Kummissarju tat-Taxxa waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Lulju 2023[18] u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok CS1 sa CS6** a fol 838 *et seq* tal-proċess;

32. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Gregory Paul Brincat** prodott mill-Malta Enterprise in kontro-eżami waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'Ottubru 2023[19];

33. Rat id-dokumenti esebiti mill-intimata Malta Enterprise u mmarkati **Dok A1 sa A4** u **Dok B1 sa B3** a fol 868 *et seq* tal-proċess;

34. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata tletin (30) t'April 2024 a fol 883 *et seq* tal-proċess;

35. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Intrapriża ta' Malta datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2024 a fol 919 *et seq* tal-proċess;

36. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet konġuntiva tal-intimati Avukat tal-Istat, Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tal-Kuntratti datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024 a fol 933 *et seq* tal-proċess;

[16] Xhieda a fol 456 *et seq* tal-proċess
[17] Xhieda a fol 568 *et seq* tal-proċess
[18] Xhieda a fol 836 *et seq* tal-proċess
[19] Xhieda a fol 849 *et seq* tal-proċess

37. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa, datata sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 2024 a fol 958 *et seq* tal-proċess;

38. Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-partijiet waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2024;

39. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

40. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

*Fatti Saljenti illi jifformaw l-iSfond tal-Kawża Odjerna*

41. Ikun utli, fl-ewwel lok, illi din il-Qorti tibda billi tiċċara l-isfond illi fih ġiet intavolata l-kawża odjerna;

42. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar id-disgħa (9) ta' Settembru 2009 (Kumpilazzjoni Nru 809/2009), ir-rikorrent Gregory Paul Brincat instab ħati u ammetta għal diversi akkużi, u cioe:

> *Talli f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ikkorrompew ufficjal jew ufficjali fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal jew ufficjali fid-Dipartiment tal-VAT naqas jew naqsu li jaghmel jew jaghmlu dak li kien fid-dmir tieghu jew taghhom li jaghmel jew jaghmlu;*

*kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil Saviour Micallef li asserixxa jew ikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex igieghel lil Saviour Micallef jesercita dik l-influwenza;*

*u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' S&R (Handaq) Limited, S&R (Packaging) Limited, Legno Lack Company Limited u Brincat's Company Limited, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen lezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;*

*kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;*

*u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq ilValur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali.*

43. Ir-rikorrent ġie kkundannat tmintax (18)-il xahar priġunerija, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ġew sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin, kif ukoll għal multa ta' seba' mitt Ewro (€700), u l-Qorti ordnat l-interdizzjoni ġenerali perpetwa fil-konfront tiegħu. Din is-sentenza ġiet konfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-Appell Kriminali Nru 329/2009 nhar it-tlettax (13) ta' Novembru 2009;

44. Sussegwentement, fi proċeduri separati (*Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et*, Kump Nru 533/2009, huwa ġie akkużat ukoll, flimkien ma' ħuh Mario Brincat:

*Akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, f'Settembru, 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita taghhom ta' diretturi tas-socjeta S&R (Handaq) Limited, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT.*

*Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement naqsu li jaghtu kont ghal xi attivita taxxabbli jew xi akkwist intra-Komunitarju mwettqa minnhom fir-records, dokumenti u kontijiet mehtiega bl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew b'xi regolamenti maghmula bis-sahha tieghu;*

*Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kienux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali;*

*U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifikaw xi records, dokumenti jew kontijiet mehtiega li jinzamu that l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew hejjew jew ghenu fit-thejjija jew fl-ghemil jew ghamlu uzu minn xi records, dokumenti jew kontijiet foloz.*

45. Il-Qorti ma sabitx lir-rikorrent Gregory Paul Brincat ħati tal-ewwel akkuża, iżda sibitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba fil-konfront tiegħu, u kkundannatu sena priġunerija u multa ta' tlett elef Ewro (€3,000). Dan b'sentenza tal-erbatax (14) ta' Lulju 2011. Konsegwentement, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) (Appell Kriminali Nru 339/2011) laqgħet l-appell ta' Brincat *in parte* b'sentenza tal-għoxrin (20) ta' Settembru 2012 u rriformat is-sentenza billi kkonfermata in kwantu ma sabitx lir-rikorrent ħati tal-ewwel imputazzjoni u sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u kkundannatu għal sena priġunerija biss;

46. In oltre, is-soċjetajiet rikorrenti ġew rinfaċċjati bi stejjem għal diversi perjodi illi kienu koperti fl-akkużi suriferiti, u ordnati jagħmlu ħlas ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif ukoll multi amministrattivi u imgħaxijiet relattiv;

47. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrenti qed jikkontendu illi ġew leżi d-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanċiti mill-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikoli 5, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-Raba' Artikolu tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Ewwel Artikolu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan għar-raġunijiet illi ser jiġu diskussi preżentement f'din is-sentenza.

## A. <u>L-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

48. L-Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid:

> *1. The enjoyment of any right set forth by law shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, properrty, birth or other status.*
>
> *2. No one shall be discriminated against by any public authority on any ground such as those mentioned in paragraph 1.*

49. Dwar il-Protokoll 12 formanti parti mill-Konvenzjoni Ewropea, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mark Formosa vs L-Avukat Ġenerali***[20]:

> *31. [...] Għalkemm huwa minnu li l-Istat Malti rratifika t-Tnax-il Protokoll, xorta waħda dan l-Protokoll ma jistax*

[20] Rik Kostit Nr 47/2019/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023

*jingħata effett minn din il-Qorti ladarba ma jifformax parti mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel l-ebda referenza għal dan il-Protokoll fid-definizzjonijiet mogħtija għat-termini "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" u "Konvenzjoni":*

*"Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda;*

*"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950 u l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet, ir-Raba', l-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Protokolli li hemm magħha ffirmati f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952, u fi Strasbourg fis-6 ta' Mejju 1963, 6 ta' Mejju 1963, 16 ta' Settembru 1963, 20 ta' Jannar 1966, 18 ta' April 1983 u 22 ta' Novembru 1984, rispettivament;"*

*32. Għalhekk huwa ċar li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw ilmenti bbażati fuq it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea [...].*

50. Din il-Qorti taqbel mal-insenjament mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali u sejra tadottah *in toto* u tagħmlu tagħha;

51. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrenti in kwantu jilmentaw minn leżjoni tad-

drittijiet fondamentali tagħhom sanċiti bl-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**B. <u>L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u r-Raba' Artikolu tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

52. Ir-rikorrenti qed jikkontendu illi sofrew leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti minn dawn l-artikoli fil-liġi għal żewġ raġunijiet:

(A) Gregory Brincat ġie punit darbtejn għall-istess reat, u dan stante illi l-akkużi tal-proċess 809/2009, li kienu jikkonsidraw atti magħmulin fi Frar 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, kienu jinkludu wkoll iż-żmien kunsidrat fl-akkużi tal-proċess 533/2009, cioe f'Settembru 2007 u s-snin ta' qabel; u

(B) Apparti l-piena karċerarja, ġew inflitti wkoll fuq ir-rikorrenti stejjem, multi, garanziji u imgħax, li fin-natura tagħhom huma pieni kriminali, imposti per konsegwenza ta' proċeduri amministrattivi intavolati ai termini tal-Artikolu 83(3) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta, illum revokat.

***(A) <u>Ne bis in idem</u>***

53. Ir-rikorrent Gregory Brincat kien issolleva l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-proċeduri kriminali bin-numru 533/2009 meħuda fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, anke fi stadju t'appell (Appell Kriminali Nru 339/2011), iżda l-eċċezzjoni ġiet rifjutata kemm mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri). Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali rrilevat illi l-proċeduri kriminali bin-numru 533/2009, minkejja illi kienu jagħmlu referenza għal fatti li ġraw *"fi Frar 2009 jew fix-xhur u snin ta'*

*qabel"*, ma kinux qed jirreferu għall-perjodu preċedenti għall-2007, iżda biss għas-snin 2008 / 2009, b'dana għalhekk illi l-fatti li fuqhom kienet ibbażata l-kawża nru 533/2009 ma kinux l-istess fatti kontemplati fil-kawża nru 809/2009. Hekk ukoll ikkonfermat il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Settembru 2012;

54. Fil-kawża odjerna, ir-rikorrent qed isostni illi l-Qrati ta' kompetenza kriminali naqsu milli jagħtu protezzjoni lill-attur kontra vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali kif protetti mhux biss mill-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, iżda anke mill-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi r-rikorrenti ġie punit darbtejn għall-istess akkużi (anke jekk kommessi fi żminijiet differenti), u illi l-multipliċita' ta' proċeduri meħuda kontra Gregory Brincat wasslu sabiex il-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu tisfuma fix-xejn;

55. L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid illi:

> *(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*

Inoltre, imbagħad l-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 jgħid:

> *1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġa`*

> *ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.*

Finalment, il-parti relevanti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal-ilment tar-rikorrenti fil-każ odjern hija s-segwenti:

> *2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

56. Din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija mir-rikorrenti ta' dawn il-provvedimenti fil-liġi. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Peter Montebello vs Kummissarju tal-Pulizija et***[21]:

> *38. Jibda biex jinghad li l-iskop tal-Artikolu 39[9] huwa li ma jigix permess li persuna li tkun ghaddiet minn proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u li tkun giet misjuba hatja jew liberata terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat, hlief fil-kazijiet eccezzjonali espressi fl-istess dispozizzjoni. Dan l-artikolu kostituzzjonali huwa aktar wiesgha mill-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni, ghax filwaqt li dan tal-ahhar jitkellem biss fuq "… xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skont il-ligi…. ", dak tal-ewwel ikopri wkoll "…. xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat". Minn naha l-ohra kif espress ukoll mill-ewwel Qorti, huwa stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li l-Artikolu 4 japplika meta t-tieni reat johrog minn "identical facts or fact which are substantially the same".*
>
> *[…]*

[21] Rik Nru 27/2012/1, Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' Frar 2016

*40. L-istess Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ghamlet referenza wkoll ghall-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li, wara sentenza li tillibera l-akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt, jerga' jkun suggett ghal proceduri kriminali ohra. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-artikolu huwa importanti ghaliex jitratta dwar 'l-istess fatt'. Issa, ghalkemm huwa minnu illi l-Artikolu 39[9] tal-Kostituzzjoni isemmi 'l-istess reat' u mhux 'l-istess fatt', kif osservat l-ewwel Qorti, anke fir-rigward tal-artikolu kostituzzjonali de quo, huwa necessarju li jikkonfigura l-element tal- "istess fatt" sabiex tigi validament invokata l-protezzjoni tal-principju tan-ne bis in idem skolpit fl-imsemmi artikolu liema principju ghandu bhala l-bazi tieghu dak li persuna ma tigix processata izjed minn darba fuq listess attivita` jew agir kriminali.*

*41. Fir-rigward jinsab ritenut li "Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-elementi materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett." [Prim'Awla [Sede Kostituzzjonali] Francis Vella v. Avukat Generali deciza 29 Settembru 2009].*

57. Din il-Qorti taqbel ma' dak sanċit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza appena ċitata, u filwaqt illi tabbraċċjah in toto, tagħmlu wkoll tagħha. Dan ikkunsidrat, din il-Qorti ma tqisx illi kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tar-Raba' Artikolu tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan stante illi l-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront ta' Gregory Brincat kienu jirrigwardaw offiżi illi seħħew fi żminijiet differenti, b'dana għalhekk illi ma jistgħux jiġu kkunsidrati proċeduri dwar l-istess reat fit-termini tal-interpretazzjoni illi jimmeritaw l-Artikolu 4 tas-7 Protokoll u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Infatti dan ġie

osservat saħanistra mill-Qrati b'kompetenza kriminali stess, illi rrikonoxxew u ddeċidew il-kawżi quddiemhom fil-premess illi l-akkużi fil-proċeduri numru 533/2009 kienu qed jitressqu għal perjodi diversi minn dawk fil-proċeduri numru 809/2009;

58. In oltre, din il-Qorti lanqas hija tal-fehma illi ġie leż l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi minkejja illi huwa minnu illi s-sejbien ta' ħtija fil-proċeduri bin-numru 809/2009 wasslu sabiex il-Qorti fil-proċeduri 533/2009 tikkunsidra lill-attur bħala riċediv, dan ma jfissirx illi r-rikorrent Gregory Brincat ma nagħtax smigħ xieraq. Infatti, ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tgħallem illi l-Artikolu 6(2) ma japplikax għall-parti tal-proċeduri kriminali illi fihom tingħata s-sentenza, iżda tapplika biss għall-parti tal-proċeduri kriminali illi tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-ġbir ta' provi, u l-konsiderazzjoni tal-istess għas-sejbien ta' ħtija;

59. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Engel and Others v. The Netherlands***[22] fir-rigward tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, f'ċirkostanzi fejn, f'sentenza mogħtija fil-konfront tagħhom fi proċeduri dixxiplinarji meħuda fil-konfront tal-applikanti, ittieħed konsiderazzjoni ta' parteċipazzjoni tagħhom f'pubblikazzjoni illi t-tqassim tagħha kien projbit:

> *In reality, this clause does not have the scope ascribed to it by the two applicants. As its wording shows, it deals only with the proof of guilt and not with the kind or level of punishment. It thus does not prevent the national judge, when deciding upon the penalty to impose on an accused lawfully convicted of the offence submitted to his adjudication, from having regard to factors relating to the individual's personality.*

60. Referenza għal dan l-insenjament sar ukoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Phillips v. The United Kingdom***[23] fejn il-Qorti ta' Strasburgu qalet illi:

[22] Appl Nru 5100/71; 5101/71; 5102/71; 5354/72 u 5370/72, QEDB, 8 ta' Ġunju 1976
[23] Appl Nru/ 41087/98, QEDB, 12 ta' Diċembru 2001

*Once an accused has properly been proved guilty of that offence, Article 6 § 2 can have no application in relation to allegations made about the accused's character and conduct as part of the sentencing process, unless such accusations are of such a nature and degree as to amount to the bringing of a new "charge" within the autonomous Convention meaning referred to in paragraph 32 above (see Engel and Others v. the Netherlands, judgment of 8 June 1976, Series A no. 22, pp. 37-38, § 90).*

61. Għaldaqstant jirriżulta lil din il-Qorti, illi mhux talli ma kienx hemm leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda talli l-ilment tar-rikorrenti lanqas biss jista' jinkwadra ruħu f'interpretazzjoni tal-Artikolu 6(2) tal-istess Konvenzjoni, u dan stante illi mhuwiex applikabbli għall-istess.

***(B) <u>Penali u Multi Amministrattivi ai termini tal-Artikolu 83(3) tal-Kap 406</u>***

62. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll illi l-multi amministrattivi imposti huma ta' natura kriminali, b'dana għalhekk illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ġew ukoll miksura in kwantu ġew imposti kemm piena karċerarja kif ukoll multi amministrattivi u penali;

63. Ir-rikorrenti jibbażaw il-pretensjoni tagħhom fuq dak ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru et***[24], każ fejn Farrugia ma kienx bagħat id-denunzji u ħlasijiet tat-taxxa dwar il-Valur Miżjud lid-Dipartiment konċernet, bil-konsegwenza illi ġew intavolati proċeduri kriminali fil-konfornt tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dwar in-nuqqas tiegħu li jimla u jibgħat id-denunzji fiż-żmien stabbilit fil-liġi. Bis-saħħa ta'

[24] Rik Nru 8/11 JRM, Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ J R Micallef, 5 t'April 2016

sentenzi mogħtija bejn is-17 ta' Jannar 2002 u t-2 ta' Lulju tal-2009 kien instab ħati tal-imsemmija akkużi u immultat, u b'żieda ma' dan, dik il-Qorti imponiet ukoll penali kuljum b'seħħ minn żmien wara l-għoti ta' kull sentenza, sakemm iwettaq dak minnu mitlub mil-liġi. Ir-rikorrent baqa' ma wettaqx dak li nstab ħati dwaru, u bis-saħħa ta' tnax-il sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bejn Ottubru 2007 u Ġunju 2010, ir-rikorrent instab ħati ta' ksur ta' dispożizzjonijiet tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta u llikwidat multi dwar kull waħda mill-proċeduri. F'Jannar 2011, saret talba da parti tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Krimiinali sabiex il-multi li r-rikorrent weħel fl-imsemmija sentenzi u li ma kienx għadu ħallas, jinbidlu fi żmien ta' priġunerija, liema talba ntlaqgħet. Farrugia kien intavola proċeduri Kostituzzjonali illi fihom sostna illi dak illi kien l-Artikolu 83(3) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta, illum revokat, kien jilledilu, *inter alia*, id-dritt tiegħu li ma jġarrabx proċeduri aktar minn darba dwar l-istess fatt (*ne bis in idem*). Din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat:

> *Illi fl-ewwel proċedimenti r-rikorrent kien immultat u ordnat biex jottempera ruħu ma' dak li titlob il-liġi u jissottometti d-denunzji. F'din l-ordni, kien marbut li jagħmel dak li kellu jsir taħt ir-rabta ta' "multa oħra" għal kull jum li jgħaddi bla ma jkun għamel dak lilu ordnat. Fit-tieni proċedimenti, ir-rikorrent instab ħati li naqas milli jwettaq dak minnu ordnat fl-ewwel proċedimenti u kien ikkundannat billi l-Qorti "illikwidat" kemm kienu jitilgħu l-multi oħrajn f'kull wieħed mill-każijiet sa dakinhar. Jidher li, kemm fl-ewwel proċedimenti u kif ukoll fit-tieni proċedimenti, ir-rikorrent ammetta l-akkużi bla ebda riżerva u ma ressaq l-ebda appell;*
>
> *Illi l-artikolu 83(3) tal-Kap 406 ma jżommx milli jitmexxew l-ewwel u t-tieni proċedimenti f'każijiet bħalma huma dawk li jirrigwardaw lir-rikorrent. Jidher ukoll li l-ewwel*

*proċedimenti u t-tieni proċedimenti ttieħdu skond l-artikolu 76(ċ) tal-istess Kap 406;*

*Illi f'xi każijiet li kienu jirrigwardaw proċeduri taħt din il-liġi, tqies li l-fatt li l-liġi tagħti kastig ta' aktar minn piena waħda għall-istess reat ma jġibx miegħu ksur tar-regola tan-'ne bis in idem' u lanqas tal-jedd għal smigħ xieraq, ukoll meta l-kundanna għall-piena l-miżjuda titlob it-teħid ta' proċediment għalih. Il-proċedimenti li jittieħdu biex jikkwantifikaw dak li għalih l-akkużat kien kundannat dwaru fl-ewwel proċedimenti ma kellhomx jitqiesu bħala proċediment ieħor għall-finijiet tal-"bis";*

*Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dik il-fehma għaliex jibqa' l-fatt li l-proċedimenti għal-'likwidazzjoni' tal-multi ulterjuri jinbnew fuq l-istess fatti u fuq l-istess elementi tar-reat. Għalhekk, hija tqis li t-teħid tat-tieni proċedimenti kontra r-rikorrent minnhom infushom jikkostitwixxu ksur tal-jedd tiegħu kemm taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni minħabba u bis-saħħa ta' dak li kien għadda minnu fl-ewwel proċedimenti. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 83(3) tal-Kap 406, safejn jippermettu proċediment bħal dan, jiksru dak il-jedd ukoll;*

*[…]*

*Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-imgħaxijiet u l-penali amministrattivi, il-Qorti tqis li huwa aċċettat li, sakemm il-penali amminstrattiva ma tkunx tikkostitwixxi sanzjoni penali, ma hemm xejn li jżomm milli dwar fatti jew omissjonijiet marbuta ma' obbligi mad-dikjarazzjoni jew denunzja ta' taxxi, l-Istat jimponi flimkien sanzjonijiet amministrattivi u pwieni għal reati. Madankollu, fejn il-*

*penali amministrattivi jkunu hekk ħarxa jew qawwija li jġibu magħhom effetti ta' kastig u mhux biss effett ta' deterrent, allura ma jistax jibqa' jingħad li dawk il-penali ma jkunux saru 'kastig kriminali'. F'dak il-każ, jidħlu fis-seħħ kemm il-jedd ta' smigħ xieraq u kif ukoll il-prinċipju tan-ne bis in idem fir-rigward ta' xi proċedimenti li jinbdew flimkien jew wara l-impożizzjoni ta' dawk il-penali;*

*Illi mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti ħareġ li, kemm fir-rigward tal-imgħaxijiet u kif ukoll fir-rigward tal-penali amministrattivi (partikolarment ix-'short-payment penalty') li minnhom jilmenta r-rikorrent, it-tħaddim tagħhom huwa stabilit mil-liġi u jiddependi wkoll fuq id-diskrezzjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat. Dan jingħad għaliex, fejn it-tax payer jottempera ruħu ma' dak li titlob minnu l-liġi, il-penali amministrattivi jistgħu jitħassru għal kollox jew jinħafru. Dan ifisser li l-effett tal-imsemmija miżuri huwa dak ta' deterrent u mhux ta' piena jew kastig kriminali;*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll fir-rigward biss tat-teħid kontrih tat-tieni proċedimenti, imma ma ssibx li ġarrab ksur tal-istess jedd tiegħu fir-rigward tal-impożizzjoni tal-imgħaxijiet jew tal-penali amministrattivi (ix-'short-payment penalty');*

F'Appell intavolat mis-sentenza appena ċitata, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dak deċiż mill-Ewwel Qorti[25], u qalet:

[25] Rik Nru 8/11 JRM, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Mejju 2017

*25. Din il-Qorti tirribadixxi li l-punti krucjali li ghandhom jigu ezaminati sabiex jigi determinat jekk il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tal-attur humiex lezivi tad-dritt tieghu kontemplat fl-artikolu fuq citat huma: [a] jekk il-multi amministrattivi jikkwalifikawx bhala multi ta' natura penali imposti bl-iskop punittiv sabiex jservu bhala deterrent u, [b] jekk dawk il-multi kienux diga` gew imposti fuq l-attur u kinux ghadhom pendent meta ttiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu.*

*26. Din il-Qorti kellha diga okkazzjoni li tezamina cirkostanzi simili filkaz* ***David Mifsud v. Onor. Prim Ministru et*** *deciz fl-24 ta' Gunju 2016. F'dak il-kaz gew identifikati is-segwenti principji in materja applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:*

> *"... f'kaz recenti Grande Stevens v. Italy, il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti enuncjazzjonijiet dwar dan id-dritt fundamentali:*
>
> *"'220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. …….*
>
> *"'221. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal*

*proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, § 84]……*

*...........omissis ……….*

*"229…… administrative sanctions may, for the purposes of the application of the Convention, be qualified as criminal sanctions [see paragraph 61 above]. Further, in its Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson judgment, on the subject of value-added tax, the ECJ stated that, under the ne bis in idem principle, a State can only impose a double penalty [fiscal and criminal] in respect of the same facts if the first penalty is not criminal in nature"…[sottolinear ta' din il-Qorti]*

*...........omissis...........*

*"74. Imiss issa li jigi ezaminat jekk giex vjolat id-dritt fundamentali tal-attur, li ma jigix sentenzjat jew kastigat darbtejn ghall-istess fatti, bit-tehid ta' proceduri penali kontra tieghu meta kienu diga imposti fuqu multi amministrattivi minn naha tal-Kummissarju.*

*'"75. Jirrizulta kif ben osservat l-ewwel Qorti, illi l-Kap. 406 jikkontempla li persuna registrata li tonqos milli tipprezenta d-denunzji fil-hin, tehel multi amministrattivi sostanzjali u imghax fuqhom. Ukoll jinsab assodat fil-gurisprudenza Ewropea kostanti in materja illi, in kwantu l-multi amministrattivi jew penalitajiet u l-imghax fuqhom huma intizi*

*sabiex iservu ta' deterrent u bhala mizuri punitivi u kemm-il darba dawn ikunu f'ammonti sostanzjali allura jikkwalifikaw bhala 'criminal penalty'.*

*"76. Huwa dan il-fattur ta' konkorrenza tal-multi amministrattivi u multi imposti mill-qrati kriminali li seta' jwassal ghall-vjolazzjoni tal-principju tan-ne bis in idem ……….*

*"77. …….. fil-fehma ta' din il-Qorti dak li huwa vjolattiv tal-principju tan-ne bis in idem mhumiex il-proceduri kriminali wahedhom izda l-fatt li dawn il-proceduri kienu ttiehdu fl-istess zmien li fih il-Kummissarju kien diga impona fuq l-attur multi amministrattivi sostanzjali ghall-istess nuqqas li kien jifforma l-mertu tal-proceduri kriminali".*

*27. Fil-kaz odjern jirrizulta illi ghall-istess nuqqasijiet tal-attur, jigifieri ghall-inottemperanza tieghu illi jissottometti d-denunzji relattivi ghal diversi perijodi u wkoll naqas milli jaffettwa l-pagamenti shah, l-attur mhux biss wehel multi amministrattivi sostanzjali li jikkwalifikaw bhala ta' natura penali, in kwantu intizi sabiex iservu ta' punizzjoni u ta' deterrent, zda ttiehdu wkoll proceduri kriminali kontra tieghu, li wasslu ghal kundanni kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati.*

*28. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li, ladarba ghan-nuqqas tal-attur kienu qed jigu imposti multi amministrattivi li jikkwalifikaw bhala ta' natura penali allura l-proceduri kriminali gudizzjarji fuq l-istess nuqqasijiet mehuda kontra tieghu kienu vjolattivi tal-*

*principju protett bl-artikolu konvenzjonali fuq citat. Din il-Qorti tirribadixxi li l-Artikolu 83(3) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa inkonsistenti mal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu dak is-subinciz jipprospetta proprju sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn persuna, oltre l-impozizzjoni ta' multa amministrattiva sostanzjali, tigi sottoposta wkoll ghal proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar l-istess nuqqas.*

*29. Inoltre jigi osservat li l-fatt illi l-attur seta' jibbenefika minn skema ta' amnestija ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni kontenuta fil-paragrafu precedent, in kwantu li l-vjolazzjoni kienet ga sehhet bit-tehid tal-proceduri gudizzjarji meta kienu gia imposti fuqu l-multi amministrattivi.*

*30. Din il-Qorti tkompli tosserva li l-ksur tal-principju tan-ne bis in idem ma sehhx minhabba l-impozizzjoni tal-multi amministrattivi u imghaxijiet fuqhom, izda sehh bil-ftuh tal-proceduri kriminali kontra l-attur fiz-zmien meta kienu diga` gew impost fuqu dawk il-multi ghall-istess fatt penalizzat bil-multi amministrattivi. Huma ghalhekk il-proceduri kriminali li jmorru kontra l-imsemmi principju sancit fl-artikolu precitat u mhux il-multi amministrattivi u l-imghaxijiet fuqhom.*

*31. Rigward l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-multi maghrufa bhala short payment penalties ma jistghux jitqiesu bhala "piena jew kastig kriminali" imma huma biss mizuri ta' deterrent ga ladarba huma jistghu jthassru ghal kollox jew jinhafru jekk it-taxpayer jottempera ruhu mal-ligi, din il-Qorti tosserva li dan ma jipprivahomx mill-karattru punittiv taghhom. Wara kollox anke l-multi imposti mill-Qorti tal-Magistrati [Malta]*

*jistghu jinhafru, mhux biss mill-President ta' Malta izda anke mill-istess Qorti tal-Magistrati skont it-termini tal-Artikolu 76 tal-Kap 406.*

64. Jingħad illi fis-sentenza illi saret referenza għaliha mill-Qorti Kostituzzjonali, cioe dik mogħtija fl-ismijiet ***David Mifsud vs L-Onorevoli Prim Ministru et***[26], Mifsud kien ukoll tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat illi naqas milli jippreżenta denunzji għaż-żmien ta' Ottubru 1999, Jannar 2000, April 2000 u Lulju 2000. Fis-7 ta' Frar 2002 kien immultat mill-Qorti għall-perjodi indikati u ngħata xahrejn żmien sabiex jirregola ruħu, u fin-nuqqas kien jeħel is-somma ta' LM6 kuljum sa ma jottempera ruħu, liema penali huwa nkorra wkoll. Fis-17 ta' Novembru 2005, fi proċeduri kriminali oħra, Mifsud instab ħati illi naqas milli jottempera ruħu mal-ordni mogħtija bis-sentenza tas-7 ta' Frar 2002 u weħel penali ta' LM3,132 riferibbilment għaż-żmien bejn April 2002 u Settembru 2003. Peress illi baqa' m'ottemperax ruħu, ħarġu akkużi oħra kontra tiegħu u fl-20 ta' Frar 2008 Mifsud instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli naqas milli jottempera ruħu mas-sentenza tas-7 ta' Frar 2002, bir-riżultat li weħel multa. Għal dawn l-istess perjodu li dwarhom huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati, kienu ġia ħarġu fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud *late return penalities, short payment penalties* u imgħaxijiet, cioe penali amministrattivi;

65. Detto l-premess, din il-Qorti rat illi l-Qrati Maltin mhux sa minn dejjem segwew din il-linja ta' ħsieb. Infatti, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Paul Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud et***[27], din il-Qorti kif diversement presjeduta kellha quddiemha allegazzjoni simili għal dik mogħtija fiż-żewġ kawżi appena ċitati. Camilleri tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali f'April 2001, akkużat illi ma kienx ottempora ruħu mal-liġi tal-VAT stante illi ma kienx

[26] Rik Nru 24/10 JZM, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju 2016
[27] Rik Nru 10/2004/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ G Camilleri, 30 t'Awwissu 2004 (in ġudikat)

bagħat il-formola tal-VAT kif stipulat fil-liġi. Huwa kien instab ħati u kundannat iħallas multa bħala piena, u penali ta' sitt Liri Maltin (LM6) jekk ma jottemporax ruħu u ma jibgħatx il-formoli tal-VAT in kwistjoni fi żmien xahrejn wara d-data tas-sentenza. Sussegwentement, Camilleri reġa' tressaq quddiem l-istess Qorti fl-2003 akkużat li m'ottemporax ruħu fi żmien xahrejn kif ordnat fis-sentenza tal-2001, u ġie kundannat iħallas penali rappreżentanti l-multa ta' sitt Liri Maltin (LM6) għal kull jum illi fih m'ottemporax ruħu mal-ordni tal-Qorti. Peress illi baqa' ma ħallasx din il-penali, il-Qorti ordnat b'digriet fl-2004 illi l-penali tat-tieni proċeduri tiġi konvertita fi priġunerija. Huwa intavola proċeduri kostituzzjonali illi permezz tagħhom allega illi l-multi ulterjuri fit-tieni proċeduri kienu jikkostitwixx penali, b'dana illi ma setgħux jiġu konvertiti fi priġunerija ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kodiċi Kriminali iżda kellhom jitqiesu bħala dejn ċivili. Camilleri għalhekk allega illi kien ngħata piena fuq ir-reat tiegħu (l-ewwel proċeduri), u sussegwentement ingħata piena oħra mingħajr ma tressaq quddiem il-Qorti b'reat ieħor (fit-tieni proċeduri). Din il-Qorti kif diversement presjeduta qalet:

> *L-artikolu in kwestjoni cioe' l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla reat wiehed u mhux tnejn separati u distinti. Pero' ma hemm xejn kontra d-drittijiet fundamentali tal-individwu li ghar-reat wiehed jistghu jigu imposti jew inflitti varji pieni. Il-Kodici Kriminali taghna hu mimli b'reati li ghar-rigward taghhom tista tigi imposta jew il-multa jew prigunerija jew it-tnejn;*
>
> *Ma hemm xejn straordinarju jew irregolari li ghall-istess reat il-ligi timponi multa kif ukoll multa ulterjuri f'kaz li l-imputat ma jottemperx ruhu fiz-zmien li tghatih il-Qorti. Filkaz in esami l-ligi tispecifika li din il-piena ulterjuri hi in effett "multa". Meta l-ligi titkellem b'mod l-aktar car, bhal fil-kaz in esami, ma tistax tinghata interpretazzjoni ohra minn dik li trid il-ligi u ghalhekk mhux il-kaz li wiehed jidhol fil-fatti speci u fin-natura tal-haga;*

*Lanqas ma hemm ghalfejn li jkun hemm zewg reati separati u distinti sabiex tkun tista tigi imposta multa ulterjuri bhal fil-kaz in esami;*

*Ir-rikorrenti jsostni li huwa qatt ma gie akkuzat b'reat iehor u ghalhekk ma setax jigi kundannat multa ulterjuri stante li huwa kien gia nghata l-piena. Fl-ewwel sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati segwit il-ligi u imponiet multa u multa ulterjuri f'kaz li ir-rikorrenti ma jottemperax ruhhu. Ghalhekk ma jistax jinghad li f'dan il-kaz ir-rikorrenti gie processat darbtejn ghall-istess reat. Meta r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti wara l-ewwel sentenza kien sabiex l-istess Qorti setghet tistabilixxi li huwa baqa inadempjenti u sabiex tigi kalkolata l-multa ulterjuri a bazi tal-ewwel sentenza. Ghalhekk din il-Qorti ma tifhimx is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti rigardanti in-'ne bis in idem' u 'nullum crimen, nulla poena sine lege'. Hawnhekk ma kinitx kwestjoni li r-rikorrenti gie akkuzat bl-istess reat darbtejn jew aktar minn darba. It-tieni penali hi parti mill-piena konsidrata mill-ligi ghal reat in kwstjoni;*

*Ir-rikorrenti jargumenta ukoll li l-procedura stess li segwit il-Qorti tal-Magistrati tindika li l-multa ulterjuri li giet inflitta hi fil-fatt penali u m'hux multa. Li gara hu li fl-ewwel sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati applikat il-ligi u infliggiet il-piena li trid il-ligi u cioe multa u multa ulterjuri kemm il-darba ir-rikorrenti jibqa ma jottemperax ruhu mal-ligi. Meta r-rikorrenti deher it-tieni darba gie stabbilit l-ammont tal-multa ulterjuri li kellha tithallas. Sussegwentement peress li din il-multa ulterjuri r-rikorrenti baqa ma hallasix din l-istess multa giet konvertita fi zmien ta prigunerija kif trid il-ligi. Il-Qorti tal-Magistrati tidher li agixxiet skond il-ligi. Ma jistax jinghad*

> *li meta l-multa giet konvertita fi prigunerija dan sar permezz ta' att amministrattiv. It-talba relattiva tidher li saret regolarment u konsegwentement ai termini tal-ligi l-Qorti laqghet ittalba u ordnat il-konversjoni;*
>
> *Il-ligi stess tghid li l-piena ulterjuri hi multa u ghalhekk ma hemm xejn kontra l-ligi li din tigi konvertita f'tant zmien prigunerija. Il-fatt li l-multa trid tigi komputata fi stadji differenti ma jbiddilx in-natura taghha ta' multa. Semplicement minhabba dan il-fatt zgur li ma jistax jinghad li din il-multa ulterjuri hi semplicement dejn civili;*

66. Lura issa għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, din il-Qorti tibda billi tirrileva illi filwaqt illi hija aktar inklinata illi taqbel mal-konklużjonijiet raggiunti f'***Farrugia*** u ***Mifsud***, hija ma tistax ma tosservax illi ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern huma diversi minn dawk fl-istess żewġ sentenzi. Hekk kif gia ġie senjalat aktar 'il fuq, f'dawn iż-żewġ każijiet il-Qorti kellha quddiemha każijiet fejn kien hemm sensiela ta' proċeduri penali bbażati fuq l-Artikolu 76 tal-Kap 406 illi wasslu għall-imposizzjoni ta' multa u ordni għal ottemporanza mal-liġi fi żmien iffissat mill-Qorti, inadempjenza mal-istess ordni, u sensiela ta' proċeduri penali oħra bbażati fuq il-fatt illi l-ewwel multa ma kinitx tħallset. <u>Dan mhux il-każ fil-każ in eżami</u>;

67. Fil-każ in eżami, fil-proċeduri penali miġjuba fil-konfront ta' Gregory Paul Brincat (Kump Nru 533/2009), huwa ġie akkużat u nstab ħati flimkien ma' ħuh Mario Brincat illi dokumenti, *records* u kontijiet uffijali rikjesti ai termini tal-Kap 406 redatti u miżmuma mis-soċjeta' S&R (Ħandaq) Ltd kienu foloz, għaliex ġew redatti b'mod li ma jurux il-verita' u jeskludi informazzjoni dwar bejgħ li sar mingħajr VAT, u Brincat ammetta għall-akkużi dwar dikjarazzjoni falza ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-lIġijiet ta' Malta, nuqqas li jagħti rendikont ta' attivita' taxxabbli u preparazzjoni ta' denunzji mhux korretti u qarrieqa f'xi rigward materjali. Fil-fatt, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-imposizzjoni ta' piena, ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi *"ghalkemm is-socjeta S&R (Handaq) Limited*

*hallset dak l-ammont kollu mitlub mid-dipartiment tal-VAT, dan l-ammont ma kienx ikopri dak li realment kien dovut lid-dipartiment ghaliex kif intqal aktar 'l fuq ai termini tal-Kapitolu 406 id-dipartiment seta' jaghmel biss stimi ghall-perjodu ta' sitt snin qabel ma' jsiru l-istimi. Dan ifisser li t-taxxa, li bhala konsegwenza ta' l-agir ta' l-imputati ma ngabritx (u ma thallsitx lid-dipartiment), ghall-perjodu ta' sitt snin bejn l-1 ta' Jannar 1995 u l-31 ta' Dicembru 2000 intilfet ghaliex issa id-dipartiment ma setghax jiehu passi biex jigborha."* Ma ġew intavolati l-ebda tieni sett ta' proċeduri penali, bħal fil-każijiet ta' ***Farrugia*** u ***Mifsud*** suċitati, sabiex jiġu likwidati xi penali per konsegwenza tal-fatt illi denunzji ma ġewx sottomessi. Dan stante illi dak illi nstab ħati Brincat tiegħu fil-proċeduri penali kienet il-<u>prattika</u>, cioe l-mod u n-nuqqasijiet illi bihom kien qiegħed jagħmel id-dikjarazzjonijiet u jiddokumenta *records* ai termini tal-Artikolu 406 *qua* direttur tal-kumpaniji relattivi, iżda mhux tal-fatt innifsu illi t-taxxa ma tħallsitx. Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-penali imposti mill-Kummissarju tat-Taxxa, illi huma penali dovuti per konsegwenza tal-fatt illi kien hemm VAT illi ma tħallsitx;

68. Konsegwentement jirriżulta lil din il-Qorti illi, għalkemm fil-każijiet ta' ***Farrugia*** u ***Mifsud*** kienu effettivament qed jiġu imposti żewġ multi għall-istess reat, fil-każ odjern ma jistax jingħad illi dan huwa l-każ, stante illi l-penali amministrattivi imposti mill-Kummissarju tat-Taxxi huma għan-nuqqas ta' pagament ta' VAT, filwaqt illi l-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija essenzjalment għal dikjarazzjonijiet foloz, nuqqas ta' rendikont, qerq bi preżentazzjoni ta' denunzji skorretti, u falsita' ideoloġika. Dan jirrendi l-fatt illi għalih ġew imposti l-penali amministrattivi bħala wieħed divers minn dak illi għalih ġiet imposta l-piena karċerarja, bil-konsegwenza illi ma jistax jingħad illi kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

69. **Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti <u>tiċħad</u> l-ilmenti tar-rikorrenti in kwantu jagħmlu referenza għal leżjoni tal-Artikoli 39(9) tal-**

**Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 4 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

## C. <u>L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

70. Il-parti rilevanti mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-każ odjern hija s-segwenti:

> *1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` u għas-sigurta` tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta` tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
>
> *(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;*

71. Ir-rikorrenti qed isostnu illi Gregory Brincat ma kellu qatt jiġi kundannat għal sentenza ta' priġunerija, u dan stante illi d-deċiżjoni mogħtija fil-proċess 533/2009 kienet it-tieni proċedura deċiża kontrih bi vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu;

72. Fid-dawl ta' dak illi diġa ġie osservat fir-rigward tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Artikolu 6 u tar-4 Artikolu tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, **din il-Qorti lanqas qed issib leżjoni tal-Artikou 5 tal-Konvenzjoni Ewropea**, u dan stante illi l-ilment tar-rikorrenti fir-rigward ta' allegata leżjoni tal-Artikolu 5 huwa konsegwenzjali għall-ilment tagħhom fir-rigward tal-allegata leżjoni tal-Artikoli gia trattati;

73. **Konsegwentement, din il-Qorti <u>tiċħad</u> l-ilmenti tar-rikorrenti in kwantu jagħmlu referenza għal leżjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**D. <u>L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

74. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jistabbilixxi illi:

> *1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.*

75. Ir-rikorrenti jsostnu illi Gregory Brincat ġie ttimbrat kriminal, u minkejja kull tentattiv li għamel sabiex jikkonforma mal-liġijiet, id-dell tal-passat baqa jippersegwitahom sal-punt li l-atturi ġew rinfaċċati b'diversi ostakoli li kreaw imposizzjoni għal rientegrazzjoni ta' Gregory Brincat fid-dinja tax-xogħol;

76. Bid-dovut rispett, din il-Qorti tqis l-invokar tar-rikorrenti tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea bħala wieħed kemmxejn imġebbed, u ma tqisx illi jsib applikazzjoni fil-każ odjern. Hekk kif ġia ġie osservat, il-piena imposta fil-konfront ta' Gregory Brincat fil-proċeduri penali kienet waħda ġusta u mhux leżiva għad-dritt fundamentali tiegħu, kif gia spjegat, b'dana illi din il-Qorti ma tistax eżattament tifhem kif il-piena karċerarja setgħet b'xi mod kienet leżiva għall-ħajja privata tiegħu, tal-familja tiegħu, ta' daru u/jew tal-korrispondenza tiegħu gialadarba ġustifikata skont il-liġi u mhux imposta arbitrarjament;

77. Inoltre, jekk l-ilment tar-rikorrenti, għall-grazzja tal-argument, huwa dwar il-fatt illi naqsilhom ix-xogħol, din il-Qorti ma tqisx illi dan huwa per kawża tal-

intimati, jew min minnhom. Infatti, Gregory Brincat stess, in kontro-eżami, jikkonferma illi l-*blacklisting* li jilmenta minnu per konsegwenza tal-proċeduri meħuda fil-konfront tiegħu spiċċa fis-sena 2017, u li s-soċjeta' S&R (Ħandaq) Ltd iggwadanjat minn xi *grants* tal-Malta Enterprise wara l-2017, kif jikkonfermaw ukoll id-dokumenti esebiti a fol 868 *et seq* tal-proċess;

78. **Konsegwentement, din il-Qorti <u>tiċħad</u> l-ilmenti tar-rikorrenti in kwantu jagħmlu referenza għal leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

## E. <u>L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

79. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jistabbilixxi illi:

> *It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f' din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor.*

80. Ir-rikorrenti jallaċċjaw l-allegata leżjoni tal-Artikolu 14 mal-allegata leżjoni tal-Artikoli 5 u/jew 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u jsostnu illi Gregory Brincat ġie diskriminat fil-piena mogħtija lilu a bażi ta' diskriminazzjoni taħt *"other status"*, stante illi ħuh Mario Brincat ma ngħatax piena karċerarja effettiva, filwaqt illi Gregory Brincat weħel piena karċerarja effettiva visto illi l-proċeduri 809/2009 wasslu sabiex huwa jiġi kkunsidrat reċidiv fil-proċeduri 533/2009;

81. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tfakkar illi l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ġie konsistentement interpretat in konnessjoni ma' leżjoni ta' xi dritt

fundamentali ieħor tal-Konvenzjoni. Il-***Guide on Article 14 of the European Convention on Humand Rights and on Article 1 of Protocol No.12 to the Convention***[28] jgħid:

> *3. The Court has frequently underlined that Article 14 merely complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols (Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 123; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47; Marckx v. Belgium, 1979, § 32). This means that Article 14 does not prohibit discrimination as such, but only discrimination in the enjoyment of the "rights and freedoms set forth in the Convention". In other words, the guarantee provided by Article 14 has no independent existence (Case "relating to certain aspects of the laws on the use of languages in education in Belgium" v. Belgium (merits) ("the Belgian linguistic case"), 1968, § 9 of "the Law" part; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47) and this Article forms an integral part of each of the Articles laying down rights and freedoms (the Belgian linguistic case, 1968, § 9 of "the Law" part; Marckx v. Belgium, 1979, § 32; Inze v. Austria, 1987, § 36). In practice the Court always examines Article 14 in conjunction with another substantive provision of the Convention.*

82. Gialadarba għalhekk ma nstabitx leżjoni la tal-Artikolu 5 u lanqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, effettivament lanqas ma tista tinstab leżjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

---

[28] Council of Europe, ECHR, 31 t'Awwissu 2024 < https://ks.echr.coe.int/documents/d/echr-ks/guide_art_14_art_1_protocol_12_eng>

83. Madanakollu, din il-Qorti tirrileva illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti m'humiex qed iqabblu sitwazzjonijiet analogi flimkien. Ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Zarb Adami v. Malta***[29]:

> *71. The Court's case-law establishes that discrimination means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations (see Willis v. the United Kingdom, no. 36042/97, § 48, ECHR 2002-IV). However, not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. It must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment and that this distinction is discriminatory (see Ünal Tekeli v. Turkey, no. 29865/96, § 49, ECHR 2004-X).*
>
> *72. A difference of treatment is discriminatory within the meaning of Article 14 if it has no objective and reasonable justification. The existence of such a justification must be assessed in relation to the principles which normally prevail in democratic societies. A difference of treatment in the exercise of a right laid down by the Convention must not only pursue a legitimate aim: Article 14 will also be violated when it is clearly established that there is no "reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised" (see, for example, Petrovic, cited above, § 30, and Lithgow and Others v. the United Kingdom, 8 July 1986, § 177, Series A no. 102).*
>
> *73. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated,*

[29] Appl Nr 17209/02, ECHR, 20 ta' Settembru 2006

*without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention (see Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, 28 May 1985, § 82, Series A no. 94). Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention (see, among other authorities, G.M.B. and K.M. v. Switzerland (dec.), no. 36797/97, 27 September 2001).*

84. Fil-każ odjern, ma jistax jingħad illi ma kienx hemm ċirkostanzi differenti bejn is-sitwazzjoni illi kien fiha Gregory Brincat u dik illi kien fiha ħuh: biss biss, ħuh ġie akkużat b'reati kommessi f'perjodu wieħed, filwaqt illi Gregory Brincat ġie akkużat b'reati kommessi f'żewġ perjodi, b'dana illi Gregory Brincat kellu aktar għal xiex jirrispondi;

85. Ir-rikorrenti jattentaw jissostanzjaw l-argument tagħhom b'referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Stummer v. Austria***[30], iżda madanakollu, filwaqt illi huwa minnu illi f'din is-sentenza ġie stabbilit illi diskriminazzjoni a bażi ta' *"other status"* tapplika fl-ambitu ta' diskriminazzjoni relatata ma' stat ta' detenzjoni jew priġunerija, dak illi ma semmewx ir-rikorrenti huwa illi din is-sentenza kienet tirrigwarda allegazzjoni ta' priġunier illi x-xogħol illi huwa għamel waqt illi kien karċerat, ma ġiex ikkonsidrat bħala xogħol ai fini ta' komputazzjoni ta' pensjoni, b'dana illi ġie allegat illi kien hemm diskriminazzjoni a bażi tal-fatt illi ħaddiem karċerat ma kienx qed jiġi trattat bl-istess mod bħal ħaddiem illi mhux karċerat. Il-każ odjern ma jistax jiġi

[30] Appl Nr 37452/02, ECHR, 7 ta' Lulju 2011

paragunat ma' dak fi ***Stummer***. In-nota ***Key Theme: Article 14 – Prisoners and Discrimination***[31] tispjega:

> *Discrimination in the context of imprisonment has come before the Court in two different ways. On the one hand, the Court has examined cases of alleged discrimination on the ground of being a prisoner as an aspect of a personal status, including cases of alleged discrimination between different types of persons deprived of liberty. On the other hand, it has scrutinised a number of cases in an imprisonment-related context raising issues of discrimination on different grounds.*

Il-Qorti tirrileva illi l-każ odjern ma jinkwadraw fl-ebda waħda minn dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet;

86. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti lanqas issib leżjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

87. **Konsegwentement, din il-Qorti <u>tiċħad</u> l-ilmenti tar-rikorrenti in kwantu jagħmlu referenza għal leżjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

## F. <u>L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

88. L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid illi:

> *Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għattgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-*

[31] Council of Europe, ECHR, 31 t'Awwissu 2024 < https://ks.echr.coe.int/documents/d/echr-ks/prisoners-and-discrimination#:~:text=Prisoner%20status%20as%20grounds%20for%20discrimination&text=Being%20a%20prisoner%20is%20an,other%20references%20cited%20therein)%3B>

*interess pubbliku u bla ħsara għal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

89. Ir-rikorrenti qed isostnu illi huma baqgħu jħallsu t-taxxa dovuta, iżda per kawża tal-fatt illi l-pagamenti minnhom kienu qed imorru sabiex iħallsu penali u imgħax preċedentement imposti, it-taxxa proprja illi kontriha kienu ntiżi illi jsiru l-pagamenti ma tħallsitx, bil-konsegwenza illi ġew imposti penali u imgħax ulterjuri fuq l-atturi anke għall-perjodi oltre dawk kunsidrati fil-proċeduri kriminali tas-sena 2009;

90. Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi għandha tindirizza primarjament l-allegazzjoni magħmula mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet finali tagħhom illi *"il-penali ta' 20% qabel kunsidrata u l-imgħax sproporzjonat ġew kalkulati fuq stejjem esaġerat maħruġa mill-kummissarju tat-taxxi li wkoll fin-natura tagħhom huma piena għall-istess żmien, u dan visto li l-imsemmija stejjem għolew u kienu bażati fuq mark up esaġerat minħabba uqqasijiet fid-denunzji u dokumenti sottomessi li kif ingħad kemm-il darba kienu gja mertu tal-proċeduri kriminali meħuda"*[32]. Din il-Qorti tibda billi tirrileva illi r-rikorrenti stess kellhom l-opportunita' (u infatti ħadu vantaġġ minnha) illi jikkontestaw l-istejjem tal-Kummissarju tat-Taxxa, u illi l-istejjem ġew konfermati mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva[33], kif ġiet ukoll konfermata l-imposizzjoni ta' garanzija fil-każ ta' Legnolack Co Ltd u S&R (Ħandaq) Ltd. Din il-Qorti tfakkar illi hija mhix Qorti tat-Tielet jew Raba' Istanza, u għalhekk mhix sejra tidħol fil-mertu dwar jekk l-istejjem humiex esaġerati jew le, iżda se tistrieħ fuq id-deċiżjonijiet esebiti in atti f'dan ir-rigward;

[32] A fol 909 tal-proċess
[33] Vide deċiżjonijiet a fol 329 *et seq* tal-proċess

91. Fit-tieni lok, imbagħad, f'dak illi huma l-mod kif jiġu kalkulat l-imgħaxijiet u penali, u kif jiġu assenjati l-pagamenti magħmula, din il-Qorti rat illi jirriżulta mix-xhieda tal-**Kummissarju tat-Taxxi**[34] illi:

a. Fil-każ ta S&R (Packaging) Limited, kien hemm *overclaim* ta' €9,428.26 VAT u € 1,086.63 VAT bħala *undeclared sales*, u penali ta' €2,102.97 skont rapport konkluż f'Mejju 2010. L-istejjem inħarġu f'Settembru 2010 fuq nuqqas ta' fatturi ta' xiri u diskrepanza ta' bejgħ għall-perjodu 01.10.2007-31.12.2007. Il-pieni amministrattivi ġew kalkolati bir-rata ta' 20%, u l-interessi ġew kalkolati bir-rata ta' dak iż-żmien minn meta l-VAT return kienet dovuta;

b. Fil-każ ta' S&R (Handaq) Limited, kien hemm stejjem totali fl-ammont ta' €73,229, rappreżentanti in kwantu għal €41,547 *input tax* li ma kienet imsaħħa bl-ebda dokumentazzjoni fiskali, €4,407.50 diskrepanza bejn bejgħ eżenti bi kreditu u bejgħ taxxabbli, u €27,274.50 VAT dikjarata bin-nieqes fuq bejgħ. L-istejjem ħarġu f'Awwissu 2011 skont rapport konkluż f'Lulju 2011. Il-pieni amminstrattivi ġew kalkolati bir-rata ta' 20%, u l-interessi ġew kalkolati mid-data ta' meta kienet effettivament dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi u kienet tmur lura sad-data meta l-pagament kien effettivament sar;

c. Fil-każ ta' Legnolack Company Limited, kien hemm stimi proviżorji ta' €209,216.72 bħala taxxa u penali ta' €41,843.34, riveduta għal stimi finali ta' €207,239.51 bħala taxxa u penali ta' €41,801.70, u €126,191.01 bħala interessi. L-allegat ksur kien jirrigwarda suspett fondat ta' *under delcaration of sales* u *over declaration of purchases*. L-istejjem ħarġu f'Jannar 2011 wara li tlestiet l-investigazzjoni, u l-pieni amministrattivi ġew ikkalkolati bl-20% filwaqt illi l-interessi nħadmu skont ir-rata *in vigore* meta l-VAT return kienet dovuta;

[34] **Dok VC1 sa VC4** a fol 52 *et seq* tal-proċess

d. Fil-każ ta' Brincat's Company Limited, l-allegat ksur kien jirrigwarda suspett fondat ta' *high capital expenses being claimed*, u nħarġu stimi proviżorji ta' €109,109.35 bħala taxxa u penali ta' €21,821.87 kalkolati bir-rata ta' 20% illi kienet tapplika meta l-VAT Return kienet dovuta. L-istejjem ħarġu fi Frar 2011 filwaqt illi l-penali nħarġu f'Diċembru 2010. L-imgħax dovut kien ta' €40,377.57;

92. Din il-Qorti, filwaqt illi tirrikonoxxi illi fil-każ ta' ***Farrugia*** ċitat sopra kien instab leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea mill-Qorti Kostituzzjonali, ma ssibx illi huwa l-każ fil-każ odjern. Fl-ewwel lok, din il-Qorti rat illi t-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva, fid-deċiżjonijiet tiegħu, konsistentement irrimarka illi kien hemm dokumenti illi s-soċjetajiet rikorrenti baqgħu ma ssottomettewx, lanqas quddiem it-Tribunal stess, b'dana illi l-posizzjoni tagħhom dwar l-istejjem tal-Kummissarju tat-Taxxi lanqas biss ġiet mill-istess soċjetajiet sostanzjata;

93. Fit-tieni lok, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-proċeduri penali illi fihom Gregory Brincat irreġistra ammissjoni ilhom li ġew deċiżi sa mill-2009, filwaqt illi l-proċeduri penali illi fihom Gregory Brincat ġie kkundannat għal piena karċrearja ilhom li ġew deċiżi b'mod definittiv sa mill-2012. Naturalment, il-Qorti lanqas tista' tinjora l-fatt illi l-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva ġew intavolati fl-2012, iżda ħadu sal-2016 / 2017 / 2018 sabiex ġew finalment deċiżi, b'dana illi din il-Qorti tifhem illi r-rikorrent ma kienx ser iħallas taxxa fuq stejjem illi kien qiegħed jikkontesta;

94. Madanakollu, ikkunsidrati l-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti ma tqisx illi kien hemm disproporzjonalita' bejn l-imgħax u penali imposti, u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għall-godiment paċifiku tal-proprjeta' tagħhom kif sanċiti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan stante illi, effettivament, kien ir-rikorrent stess illi ammetta għar-reati imputati lilu, u l-istejjem kienu konfermati saħansitra mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva bħala stejjem giusti;

95. Din il-Qorti taqbel ma' dak insenjat minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'***Farrugia*** meta qalet:

> *Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li fejn jidħlu s-sanzjonijiet li minnhom jilminta r-rikorrent, dawn huma maħsuba għal min ma joqgħodx għal-liġi. Min iwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt il-liġi u jħarisha, ukoll jekk biex jagħmel dan jidħol għal sagrifiċċju w rabta, ma jġarrabx l-istess sanzjonijiet. Fit-tieni lok, kif ingħad qabel f'din is-sentenza, dawn is-sanzjonijiet għandhom l-għan li jgerrxu (bis-saħħa tad-deterrent) lil min ikun milli jitħajjar jinjora l-liġi u jipprova jaħrab minn dmirijietu u l- obbligi li jaqgħu fuqu skond l-istess liġi. Minħabba f'hekk, ma jixraqx li min iħares il-liġi u min ma jħarishiex jitqiegħed f'keffa waħda: għalhekk ukoll, minħabba li l-għan tal-impożizzjoni u l-ġbir tat-taxxa huwa wieħed ta' interess ġenerali, is-sanzjonijiet imposti b'liġi kontra min jiksirha jridu jitqiesu fil-qafas ta' dak l-għan, ukoll meta wieħed jifli l-proporzjonalita' tagħhom;*

96. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti lanqas issib leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

97. **Konsegwentement, din il-Qorti <u>tiċħad</u> l-ilmenti tar-rikorrenti in kwantu jagħmlu referenza għal leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Decide**

98. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talba numru tnax (12) tar-rikorrenti;

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet kollha rikorrenti;

iii. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet tal-intimati in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**